MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 269/2011

**Anna Maria Busuttil f'isimha proprju u bhala direttur tas-socjetà Motor Tests Services Ltd**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat fid-9 ta' Dicembru 2011 minn Anna Maria Busuttil f'isimha proprju u bhala direttur tas-socjetà Motor Tests Services Limited, permezz ta' liema titlob ir-revoka tad-decizjoni mehuda mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta notifikata lilha b'avviz datat 18 ta' Novembru 2011, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra d-dokument anness mar-Rikors promotur a fol. 6 u 7 tal-process.

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema fl-ewwel lok teccepixxi in linea preliminari li a tenur tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta isem l-Awtorità Intimata huwa Awtorità ghat-Trasport f'Malta u ghaldaqstant ghandha issir il-korrezzjoni opportuna, u topponi ghall-appell tar-Rikorrenti proprio et nomine u titlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra l-istess Rikorrenti proprio et nomine, stante li: (i) in linea preliminari r-Rikorrenti proprio et nomine ma hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-Awtorità Intimata stante li mill-avviz tad-decizjoni jirrizulta li l-istess decizjoni tikkoncerna lit-tester John Ebejer u din id-decizjoni giet indirizzata lir-Rikorrenti proprio et nomine ghaliex mid-disposizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 jirrizulta b'mod car li l-operatur tal-VRT station huwa responsabbli ghall-istation, ghat-testijiet kollha li jsiru hemmhekk u ghat-tester impjegat tieghu li jwettaq it-testijiet fl-istess VRT station, b'hekk id-decizjoni giet indirizzata korrettament u il-kontenut taghha kien car; (ii) l-appell tar-Rikorrenti proprio

et nomine huwa frivolu u vessatorju u ghalhekk ghandu jigi applikat ir-Regolament 21(6) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15; (iii) kif jirrizulta mir-Regolament 28 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, li jirregola l-ispezzjoni tal-postijiet, ta' l-apparat u tan-notamenti, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrenti proprio et nomine li l-Awtorità Intimata kellha taghtiha avviz ta' spezzjoni fuq l-istation u smigh huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u di più tali pretensjonijiet jrendu l-kuncett ta' spezzjoni kif intiza mill-ligi stess, inutili; (iv) id-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata hija gusta, cara, legali u ghandha tigi ikkonfermata; u (v) l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrenti proprio et nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti proprio et nomine[1], ta' John Ebejer[2], ta' Lino Abela[3] u ta' George Farrugia[4] ilkoll moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2012 u ra d-dokumenti esebiti minn George Farrugia markati Dok. "GF" u Dok. "GF2" a fol. 30 sa' 35 tal-process;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Awtorità Intimata permezz ta' Nota pprezentata fid-19 ta' Awwissu 2013 markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 54 sa' 57 tal-process;

Waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2014 sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra n-Nota ta' l-Awtorità Intimata pprezentata fil-25 ta' April 2014[5] permezz ta' liema tiddikjara li mhux qed topponi iktar ghall-appell tar-Rikorrenti proprio et nomine u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u penali fil-konfront taghha;

Ra d-dikjarazzjoni ta' l-Awtorità Intimata waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014[6] fis-sens illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u ghalhekk kull parti thallas l-ispejjez taghha;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'avviz datat 18 ta' Novembru 2011 ir-Rikorrenti giet infurmata li *on the 17th November 2011, Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on vehicle bearing registration number KBC-131 make Hyundai after it was tested in your station on the 9th November 2011 by your tester John Ebejer, Licence No. LTD/38/01/20. During the post VRT inspection that was carried out by TM inspectors, the vehicle in caption was*

[1] Fol. 36 u 37 tal-process.
[2] Fol. 38 sa' 40 tal-process.
[3] Fol. 41 sa' 43 tal-process.
[4] Fol. 44 sa' 48 tal-process.
[5] Fol. 61 tal-process.
[6] Fol. 65 tal-process.

*found to have the left side drive shaft rubber boot torn and tint film fixed on both rear side windows exceeding the light transmission limits. Moreover when the tint meter was inspected at your station on the same day by the TM inspector, it was found to be out of order. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 regulation 21 item 4 & 13, your Tester John Ebejer Licence No. LTD/38/01/20 being penalized the total points of 70 points (Seventy) that are equivalent to €770.*

Ir-Rikorrenti f'isimha proprio u bhala direttur tas-socjetà Motor Tests Services Limited tikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata u tibbaza l-appell taghha minnha fuq is-segwenti aggravji: (i) mill-kopja ta' l-ittra datata 18 ta' Novembru 2011 jirrizulta li din hija indirizzata lil Anna Maria Busuttil u Motor Test Services Limited izda dakinhar li nzammet l-ispezzjoni fil-VRT station, Anna Maria Busuttil bhala direttur tas-socjetà Motor Test Services Limited fl-ebda hin u waqt ma giet infurmata bl-ispezzjoni u lanqas attendiet ghall-istess, liema fatt huwa ta' pregudizzju u jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet taghha peress illi ma kenitx f'posizzjoni li tikkuntrasta l-allegazzjonijiet li saru *a tempo vergine*; (ii) kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Awtorità Intimata t-tint meter fl-istazzjon tal-VRT kien jahdem u r-reading li ha John Ebejer kien wiehed legali u fi kwalunkwe kaz l-Awtorità Intimata ma ressqet l-ebda certifikat li jiggarantixxi li l-apparat taghha huwa perfett u bla ebda difett; u (iii) mhux minnu li fil-hin li fih sar it-test fid-9 ta' Novembru 2011 il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KBC-131 kellha l-boot tal-lastiku tan-naha tax-xellug imqatta. Ir-Rikorrenti proprio et nomine u l-ebda individwu iehor ma jista' jinzamm responsabbli ghal dak li jigri lill-vettura spezzjonat fil-perijodu bejn meta jigi esegwit il-VRT test u meta tigi esegwita l-post VRT inspection.

L-Awtorità Intimata topponi ghall-appell tar-Rikorrenti proprio et nomine in bazi ghas-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, ir-Rikorrenti proprio et nomine ma hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-Awtorità Intimata stante li mill-avviz tad-decizjoni jirrizulta li l-istess decizjoni tikkoncerna lit-tester John Ebejer u din id-decizjoni giet indirizzata lir-Rikorrenti proprio et nomine ghaliex mid-disposizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 jirrizulta b'mod car li l-operatur tal-VRT station huwa responsabbli ghall-istation, ghat-testijiet kollha li jsiru hemmhekk u ghat-tester impjegat tieghu li jwettaq it-testijiet fl-istess VRT station, b'hekk id-decizjoni giet indirizzata korrettament u il-kontenut taghha kien car; (ii) l-appell tar-Rikorrenti proprio et nomine huwa frivolu u vessatorju u ghalhekk ghandu jigi applikat ir-Regolament 21(6) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15; (iii) kif jirrizulta mir-Regolament 28 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, li jirregola l-ispezzjoni tal-postijiet, ta' l-apparat u tan-notamenti, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrenti proprio et nomine li l-Awtorità Intimata kellha taghtiha avviz ta' spezzjoni fuq l-istation u smigh huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u di più tali pretensjonijiet jrendu l-kuncett ta' spezzjoni kif intiza mill-ligi stess, inutili; (iv) id-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata hija gusta, cara, legali u ghandha tigi

kkonfermata; u (v) l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrenti proprio et nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Apparte minn hekk l-Awtorità Intimata teccepixxi in linea preliminari wkoll illi a tenur tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta isem l-Awtorità Intimata huwa Awtorità ghat-Trasport f'Malta u ghaldaqstant ghandha issir il-korrezzjoni opportuna. It-Tribunal jaqbel perfettament ma' din l-eccezzjoni ta' l-Awtorità Intimata u l-konsegwenti talba taghha ghall-korrezzjoni u ghaldaqstant jiddikjara li isem l-Awtorità Intimata ghandu jigi indikat bhala "Awtorità ghat-Trasport f'Malta".

Wara li tressqu l-provi kollha quddiem it-Tribunal u wara li l-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet verbali taghhom, l-Awtorità Intimata, permezz ta' Nota ipprezentata fil-25 ta' April 2014, iddikjarat li *mhijiex qed tkompli topponi l-appell interpost mill-appellant u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-impozizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront ta' l-appellant. Illi konsegwentement m'hemm ebda htiega ghal prosegwiment ulterjuri ta' dan il-kaz.* Waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 l-Awtorità Intimata ziedet tghid illi fil-fehma taghha l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti. Ir-Rikorrenti proprio et nomine baqghet ma ddikjaratx x'inhi l-posizzjoni taghha vis-à-vis il-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi biex jaghti decizjoni finali fir-rigward ta' l-istess.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' l-Awtorità Intimata mressqa bin-Nota pprezentata fil-25 ta' April 2014 huwa evidenti li l-mertu tal-proceduri llum jinsab ezawrit u dana billi fi kliem l-Awtorità stess *mhijiex qed tkompli topponi l-appell interpost mill-appellant u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-impozizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront ta' l-appellant*. Mill-atti ma jirrizultax li l-Awtorità Intimata biddlet il-posizzjoni taghha vis-à-vis ir-Rikorrent minhabba xi bidla fil-Legislazzjoni relattiva kif gara fi zminijiet recenti f'proceduri ohra li kienu pendenti quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk il-probabiltà hi li l-Awtorità ma ghadhiex qed topponi ghall-appell tar-Rikorrenti proprio et nomine ghaliex issa qed taccetta l-kontestazzjonijiet taghha ghad-decizjoni ta' l-Awtorità notifikata lilha b'avviz datat 18 ta' Novembru 2011.

F'tali cirkostanza t-Tribunal ma qisx li huwa gust li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti kif pretiz mill-Awtorità Intimata, anzi huwa tal-fehma li dawn ghandhom jigu sopportati interament mill-istess Awtorità.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jordna korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti billi jigu ikkancellati l-kliem "Transport Malta (Awtorità Dwar it-Trasport)" u minflok l-Awtorità Intimata tigi indikata bhala "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" u jiddikjara li in segwitu ghan-Nota ta' l-Awtorità Intimata pprezentata fil-25 ta' April 2014, il-mertu tal-proceduri odjerni jinsab ezawrit.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità Intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------